2025/2148

24.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2148

tat-23 ta' Ottubru 2025

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/265 ([2]) ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina mill-Indja u mit-Turkija.

(2) Fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping definittivi, intuża t-teħid ta' kampjuni fl-investigazzjoni tal-produtturi esportaturi, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(3) F'Lulju 2025, il-grupp Bien & Qua, grupp ta' produtturi esportaturi Torok inklużi fil-kampjun li l-prodotti tagħhom saru soġġetti għad-dazju anti-dumping individwali ta' 4,8 %, ikkuntattja lill-Kummissjoni, u ġibed l-attenzjoni tagħha għal żball fil-mod kif l-ismijiet tal-produtturi esportaturi tagħhom dehru fir-Regolament oriġinali. Analiżi ġdida tad-dokumenti diġà ppreżentati mill-grupp matul l-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħhom, ikkonfermat li l-ismijiet tal-partijiet kienu miktuba ħażin fir-Regolament oriġinali.

(4) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa meqjus neċessarju li r-Regolament oriġinali jiġi emendat b'mod retroattiv mill-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu biex jirrifletti l-ismijiet korretti tal-produtturi esportaturi rilevanti, li huma Qua Granite Hayal Yapi ve Ürünleri Sanayi Ticaret A.Ş. u Bien Yapi Ürünleri Sanayi Turizm ve Ticaret A.Ş.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huwa f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 huwa emendat kif ġej:

"It-Turkija	Qua Granite ve Hayal Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.; Bien Yapi Ürünleri San. Tic. A.Ş.	4,8 %	C901"

huwa sostitwit bi:

"It-Turkija	Qua Granite Hayal Yapi ve Ürünleri Sanayi Ticaret A.Ş.; Bien Yapi Ürünleri Sanayi Turizm ve Ticaret A.Ş.	4,8 %	C901"

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/265 tad-9 ta' Frar 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija (ĠU L 41, 10.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/265/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu tapplika mill-11 ta' Frar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN